II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 308/2013

tat-3 ta' April 2013

dwar l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni tal-*Lactobacillus plantarum* NCIMB 30083 u tal-preparazzjoni tal-*Lactobacillus plantarum* NCIMB 30084 bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċi tal-annimali kollha

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprovdi għall-awtorizzazzjoni tal-addittivi għall-użu fin-nutrizzjoni tal-annimali u għar-raġunijiet u l-proċeduri li jagħtu tali awtorizzazzjoni. L-Artikolu 10(7) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, moqri b'rabta mal-paragrafi minn (1) sa (4) tal-Artikolu 10 tiegħu, jistipula dispożizzjonijiet speċifiċi għall-evalwazzjoni tal-prodotti użati fl-Unjoni bħala addittivi tal-għalf fiż-żmien li daħal fis-seħħ ir-Regolament.

(2) Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, il-preparazzjoni tal-*Lactobacillus plantarum* NCIMB 30083 u l-preparazzjoni tal-*Lactobacillus plantarum* NCIMB 30084 iddaħħlu fir-Reġistru tal-Unjoni Ewropea tal-Addittivi tal-Għalf bħala prodotti eżistenti li jappartjenu għall-grupp funzjonali ta' addittivi tal-għalf, għall-ispeċi tal-annimali kollha.

(3) Skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 b'rabta mal-Artikolu 7 tiegħu, tressqu applikazzjonijiet biex dawk il-preparazzjonijiet jiġu awtorizzati bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċi tal-annimali kollha, u ntalab li dawn l-addittivi jiġu kklassifikati fil-kategorija "addittivi teknoloġiċi" u fil-grupp funzjonali "addittivi tal-għalf". Dawk l-applikazzjonijiet kienu akkumpanjati bid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(4) Fl-opinjoni tagħha tat-13 ta' Diċembru 2012 [2], l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li, skont il-kundizzjonijiet proposti tal-użu, il-preparazzjonijiet ikkonċernati jitqiesu bla periklu għall-ispeċijiet fil-mira, għall-konsumaturi ta' prodotti mill-annimali magħlufin b'għalf trattat u għall-ambjent. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li ż-żewġ preparazzjonijiet għandhom il-potenzjal biex itejbu l-produzzjoni tal-għalf billi tiżdied il-preservazzjoni tal-materja xotta u billi titnaqqas id-degradazzjoni tal-proteini għall-ispeċijiet tal-foraġġ li jinħażnu b'mod faċli u moderatament diffiċli. L-Awtorità ma tikkunsidrax li hemm bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ ta' wara l-kummerċjalizzazzjoni. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodi ta' analiżi tal-addittivi tal-għalf imressaq mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(5) Il-valutazzjoni tal-preparazzjonijiet ikkonċernati turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Konsegwentement, l-użu ta' dawn il-preparazzjonijiet għandu jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(6) Peress li r-raġunijiet ta' sikurezza ma jitolbux l-applikazzjoni immedjata tal-modifiki fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni, huwa xieraq li jingħata perjodu tranżitorju għall-partijiet interessati biex jippreparaw lilhom infushom biex jilħqu r-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-awtorizzazzjoni.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

[1] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

[2] *The EFSA Journal* 2013; 11(1):3041.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Awtorizzazzjoni

Il-preparazzjonijiet speċifikati fl-Anness, li jifformaw parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi teknoloġiċi" u mill-grupp funzjonali "addittivi tal-għalf", huma awtorizzati bħala addittivi fl-għalf tal-annimali, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Miżuri tranżitorji

Il-preparazzjonijiet speċifikati fl-Anness u l-għalf li jkun fihom, li huma prodotti u ttikkettati qabel l-24 ta' Ottubru 2013 skont ir-regoli applikabbli qabel l-24 ta' April 2013 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fuq is-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

Numru tal-identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						CFU/kg ta' materjal frisk			
Kategorija ta' addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: addittivi tal-għalf									
1k20736	—	*Lactobacillus plantarum* (NCIMB 30083)	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Preparazzjoni ta' *Lactobacillus plantarum* (NCIMB 30083) li fiha minimu ta' 5×10^{10} CFU/g ta' addittiv *Il-karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* *Lactobacillus plantarum* (NCIMB 30083) *Metodu analitiku* (1) Enumerazzjoni fl-addittiv tal-għalf: il-metodu tat-tifrix (EN 15787) Identifikazzjoni: Elettroforeżi bil-Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE).	L-ispeċi kollha tal-annimali	—	—	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlita lesta minn qabel, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, u kemm jista' jdum maħżun. 2. Id-doża minima tal-addittiv meta ma tintużax ma' taħlita ta' mikro-organiżmi oħrajn bħala addittivi tal-għalf: 1×10^8 CFU/kg ta' materja friska 3. L-addittiv għandu jintuża f'materja faċli u f'materja b'mod moderat diffiċli biex tinħażen (2) 4. Għas-sikurezza: huwa rrakkomandat li tintuża protezzjoni għall-imnifsejn u par ingwanti waqt l-immaniġġjar.	24 ta' April 2023
1k20737		*Lactobacillus plantarum* (NCIMB 30084)	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Preparazzjoni ta' *Lactobacillus plantarum* (NCIMB 30084) li fiha minimu ta' 5×10^{10} CFU/g ta' addittiv *Il-karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* *Lactobacillus plantarum* (NCIMB 30084) *Metodu analitiku* (1) Enumerazzjoni fl-addittiv tal-għalf: il-metodu tat-tifrix (EN 15787) Identifikazzjoni: Elettroforeżi bil-Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE).	L-ispeċi kollha tal-annimali				1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlita lesta minn qabel, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, u kemm jista' jdum maħżun. 2. Id-doża minima tal-addittiv meta ma tintużax ma' taħlita ta' mikro-organiżmi oħrajn bħala addittivi tal-għalf: 1×10^8 CFU/kg ta' materja friska 3. L-addittiv għandu jintuża f'materja faċli u f'materja b'mod moderat diffiċli biex tinħażen (2) 4. Għas-sikurezza: huwa rrakkomandat li tintuża protezzjoni għall-imnifsejn u par ingwanti waqt l-immaniġġjar.	24 ta' April 2023

(1) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jistgħu jinstabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL_feed_additives/Pages/index.aspx

(2) Forajġ li hu faċli biex jinħażen: > 3 % karboidrati li jinħallu fil-materja friska. Forajġ li hu b'mod moderat diffiċli biex jinħażen: 1,5-3,0 % karboidrati li jinħallu fil-materja friska. Kif iddefinit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 429/2008 (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 1).